MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2006

Citazzjoni Numru. 699/2002

**Registratur Tal-Qrati.**

**-vs-**

**Bajja Developments Limited.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fid-19 ta' Gunju, 2002 li permezz taghha l-attur ippremetta:

1. Illi Eric u Mariella konjugi Fenech Pace esponew, b'rikors tas-27 ta' Frar, 2002 (dok. A), illi, *inter alia*, fis-26 ta' Novembru, 2001 din il-Qorti ordnat il-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni numru 3217/01/CFS kontra s-socjeta' konvenuta sabiex tieqaf minn kull xoghol ta' thammil u thaffir fil-proprjeta' retroposta ghall-hajt

divizorju ta’ bejn ir-residenza taghhom u s-sit sviluppat mis-socjeta’ konvenuta;

1.1. Illi fis-17 ta’ Jannar, 2002, is-socjeta’ konvenuta injorat l-ordni moghtija minn din il-Qorti u bdiet xoghol fis-sit bil-konsegwenza li waqa’ parti mill-hajt li jissepara s-sit u r-residenza tal-girien ta’ l-esponenti adjacenti ghar-residenza taghhom.

1.2. Illi, fis-26 ta’ Frar, 2002 minkejja twissijiet mir-rikorrenti konjugi Fenech Pace, li hija kienet qed tikser l-ordni ta’ din il-Qorti, is-socjeta’ konvenuta kompliet biex-xoghlijiet bil-konsegwenza illi waqghet ukoll parti mill-hajt li tissepara r-residenza ta’ l-esponenti u s-sit, kif jirrizulta minn certifikat tal-Perit Renato Laferla tas-26 ta’ Frar, 2002 (dok. X);

1.3. Illi s-socjeta’ konvenuta kienet qieghda ripetutament tagixxi in disprezz ta’ l-ordni ta’ din il-Qorti;

1.4. Ghalhekk ir-rikorrenti talbu illi din il-Qorti joghgobha tiehu dawk il-passi kollha mehtiega kontra s-socjeta’ konvenuta minhabba ghall-disprezz kontra l-awtorita’ tal-Qorti.

2. Illi b’digriet tal-25 ta’ Marzu, 2002, din il-Qorti laqghet it-talba tar-rikorrenti u ordnat lill-attur sabiex jipprocedi (dok. B).

3. Ghalhekk l-attur qieghed jaghmel din il-kawza.

Ghalhekk titlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex;

(a) Tiddikjara li dan l-agir taghha jikkostitwixxi disprezz lejn l-awtorita’ tal-Qorti;

(b) issibha hatja ta’ disprezz skond il-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili, Tielet Ktieb, Titolu XVII;

(c) tikkundannaha ghall-pieni hemm indikati.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti pprezentata fis-6 ta' Settembru, 2002 li permezz taghha s-socjeta' konvenuta eccepixxiet;

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi s-socjeta' konvenuta ma wrietx disprezz lejn l-awtorita' ta' din l-Onorabbli Qorti, li lejha tiddikjara li ghandha l-akbar rispett;

2. Illi s-socjeta' attrici ma ghamlet ebda xoghol li kienet inibita milli taghmel minn din l-Onorabbli Qorti permezz tal-mandat ta' inibizzjoni numru 3217/01, u rigorozament zammet id-distanzi preskritti mill-ligi.

3. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-kollass tal-hajt *de quo* sehh wara li l-konjugi Fenech Pace ripetutament injoraw twissijiet li l-istess hajt kien fi stat prekarju u rrifjutaw kull offerta li jissahhah l-istess hajt permezz ta' hajt ta' sostenn;

4. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' konvenuta mahlufa minn Charles Polidano, I.D. 618543(M) u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' Novembru, 2005 li permezz taghha l-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-Avukati trattawha.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jitlob li l-konvenut jigi kkundannat ghal disprezz lejn l-awtorita' taghha wara li allegatament injorat u ma obdietx l-ordni taghha kontenuta fil-mandat ta' inibizzjoni numru 3217 tas-sena 2001 meta xorta bdiet tibni fuq is-sit in kwistjoni.

Mill-atti tal-kawza jirrizulta illi l-imsemmija konjugi Fenech Pace kienu ottjenew l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni biex tieqaf minn kull xoghol ta' thammil u thaffir fil-proprjeta' fin-naha tal-hajt divisorju bejn il-partijiet in kwistjoni fis-26 ta' Novembru, 2001. Fir-rikors li ta lok ghall-proceduri odjerni l-konjugi Fenech Pace sostnew illi s-socjeta' konvenuta xorta baqghet ghaddejja bix-xoghol in kwistjoni.

Is-socjeta' konvenuta qed tinnega illi kienet hatja ta' xi disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti u li hija zammet rigorozament mad-distanzi li kellha zzomm skond il-ligi.

Ghandu jinghad li l-konjugi Fenech Pace, illi taw lok ghall-proceduri qatt ma xehdu ghaliex kull tentattiv ta' notifika (ghaxra) da parti ta' l-attur kien inutili. Gew esebiti kopja legali ta' l-atti tal-mandat xehed il-perit Maritn Xuereb illi kien il-perit nkarigat mill-konventi fix-xoghol in kwistjoni illi kkonferma li saru laqghat bejn il-partijiet fil-presenza tal-periti ghaliex kien hemm hajt komuni ts-singlu li kien il-kawza ta' xi problemi. Qal pero' illi kien inkariga lill-Perit Nicholas Bianchi mill-ufficju tieghu biex ikun fuq il-post kull jum biex jiehu hsieb il-problemi. Fil-fatt il-Perit Bianchi xehed a fol 718 tal-process u qal li l-problema kienet li kien hemm hajt tas-sejjieh li kien hajt divosrju li gia' kien imzaqqaq f'certu postijiet u l-pedamenti ma kinux sodi bizzejjed. Qal li in segwitu ghall-mandat ma kienx hemm bzonn isir iktar thaffir f'dak il-lok u kwindi kull ma sar kien li l-hajt gie rafforzat bi ftehim mas-sidien tal-fond abitat mill-konjugi Fenech Pace illi appartentement kienu inkwilini. Qal huma fil-fatt ghamlu qoxra tal-*bricks* u l-konkos.

Il-Perit Renato Laferla li xehed fis-seduta tat-3 ta' Marzu, 2003 ikkonfemra d-Dokument X rilaxxat minnu u qal li *nonostante* l-

mandat ix-xoghol baqa' ghaddej u fil-fatt sa Jannar 2004 ix-xoghol kien ghadu sejjer u skond hu anke fil-parti approssimattiva ghall-hajt divisorju.

Il-Qorti thoss li mid-deposizzjoni tal-Perit Laferla huwa car li x-xoghol baqa' ghaddej izda fl-istess hin ma tistax ma tibbjasimax lill-konjugi Fenech Pace illi wara li kienu bdew il-proceduri urew disinteress totali fihom tant li *nonostante* t-tentattivi diligenti ta' l-attur huma qatt ma gew notifikati. Huwa ghalhekk probabbli li saret transazzjoni li biha ma giex informat il-Perit Laferla u wisq inqas l-attur li allura kien ikun f'posizzjoni illi jirregola ruhu. Din it-transazzjoni bilfors sehhet wara li gie ntavolat ir-rikors illi ta lok ghall-kaz. Mill-banda l-ohra lanqas id-diretturi tas-socjeta' konvenuta ma xehdu u hallew kollox f'idejn l-Avukat taghhom biex jikkonduci d-difiza.

Ghalhekk wiehed jikkonkludi illi fil-waqt li l-konvenuti inizjalment injoraw il-mandat, sar xi forma ta' ftehim li kien jissodisfa lill-konjugi Fenech Pace, u l-Qorti pero' ser tiehu in konsiderazzjoni l-fatturi fuq imsemmija meta taghti l-piena taghha.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut ghal multa ta' hamsa u ghoxrin Lira Maltin (Lm25).**

**L-ispejjes tal-kawza jithallsu mis-socjeta' konvenuta.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------